# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
## LIVELL PRIMARJU - Frar 2015

**Il-Ħames Sena** | **Ir-Reliġjon** | **il-Ħin: Siegħa u Kwart**

L-Isem u l-kunjom: ____________________ Il-Klassi: ________

Marka Totali
_____
100

## TAQSIMA A : ALLA JAGĦTINA T-TALENTI

**A. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (5 marki)**

| Sara | xbieha | kwalitajiet | niskopri | Iżakk |
|---|---|---|---|---|

1. Alla ħalaqni ____________________ tiegħu.
2. It-talenti huma ____________________ speċjali li tani Alla.
3. Fi xjuħitu Abram kellu iben li semmieh ____________________.
4. Il-mara t'Abram kien jisimha ____________________.
5. Meta ____________________ t-talenti tiegħi għandi niżviluppahom.



**B. Agħmel sinjal taħt it-tajba.** **(5 marki)**

1. Biex niżviluppa t-talenti tiegħi (għandi bżonn lil, ma jimpurtanix minn, m'għandix bżonn lil) ħaddieħor.

2. Il-kapaċitajiet jgħinuni (niekol, nikber, nsir aktar intelliġenti).

3. (Rut u Samwel, Marija u Ġużeppi, Adam u Eva) kienu żewġ persuni fl-Antik Testment li kellhom fidi kbira f'Alla.

4. Il–qassis tat-tempju li kien joqgħod miegħu Samwel kien jismu (David, Eżekjel, Eli).

5. Rut kienet tfajla minn post jismu (Nazaret, Moab, Eġittu).

**Ċ. Wieġeb fi kliemek.** **(3 marki)**

1. Wieħed mit-talenti li għandi huwa ___________________________.

2. Jien nuża t-talenti tiegħi biex _________________________________.

3. Alla bagħatli lill-_________________________________ biex jgħinuni niżviluppa t-talenti tiegħi.



**D. Ikteb Veru jew Falz maġenb kull sentenza.** **(7 marki)**

1. L-isem proprju ta' Martin Luther King kien Michael. _________

2. Ħu Mosè kien jismu Elimelek. _________

3. Il-Fargħun ma riedx iħalli lil-Lhud joħorġu mill-Eġittu. _________

4. Samwel sema' lil missieru jkellmu bil-lejl. _________

5. Martin Luther King ħadem sabiex is-suwed ikunu rrispettati daqs il-bojod. _________

6. Permezz tat-talenti tiegħi nista' ngħin lil ħaddieħor. _________

7. Kulħadd għandu t-talenti. Mela ħadd m'għandu bżonn lil ħadd. _________



## TAQSIMA B: ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA T'ARTNA

**A. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** **(5 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Dun Mikiel Xerri huwa eroj | | wied mimli għadam. |
| 2 | Dun Ġorġ, flimkien ma' Ġannina Cutajar, | | għax miet għal pajjiżu. |
| 3 | Alla wera lil Eżekjel | | waqqaf is-sezzjoni tal-bniet tal-Mużew. |
| 4 | Il-Papa Ġwanni XXIII | | kuraġġ kbir imma żbalja wkoll. |
| 5 | Bħala mexxej, David kellu | | kien imur iżur lill-ħabsin u lit-tfal morda. |

**B. Min Jien? Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.** **(5 marki)**

| Is-Sultan David | Eżekjel | Papa Ġwanni XXIII | Dun Mikiel Xerri | Martin Luther King |
|---|---|---|---|---|

1. Alla għażilni biex inwassal il-messaġġ tiegħu lill-Poplu Lhudi. ________________________
2. Irċivejt il-Premju Nobel meta kelli 35 sena . ____________________
3. Kont sultan ta' Iżrael. Ġieli żbaljajt iżda dejjem tlabt maħfra lil Alla. ________________________
4. Kont ħanin u qalbi tajba. Jien magħruf bħala l-Papa tat-Tjubija. ________________________
5. Kont qassis. Mitt għal ______________________



**Ċ. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. (5 marki)**



1. Il-**K**__________________ Vatikan it-Tieni seħħ fi żmien il-Papa Ġwanni XXIII.
2. Ġannina Cutajar kellha **k**__________________ kbir.
3. Il-Poplu **L**__________________ mhux dejjem sema' mill-profeti.
4. David kiteb ħafna poeżiji msejħin **S**__________________.
5. Il-Papa Ġwanni XXIII twieled fl-**I**__________________.

**D. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (5 marki)**

In-nanna tiegħek kienet ma tiflaħx u ommok talbitek tmur iżżurha u tgħinha f'dak li kellha bżonn. Int kont qed tilgħab fuq-il-kompjuter, u ma kellikx aptit tmur, issuppervjajt u għedtilha li ma ridtx tmur. Wara li għadda l-ħin indunajt li żbaljajt.

1. X'kellek tagħmel meta ommok talbitek tmur iżżur lin-nanna?(marka)

   ______________________________________________

2. Meta ndunajt li żbaljajt, x'kellek tagħmel ? (marka)

   ______________________________________________

3. Mill-istorja sib kelma li turi li inti nqast. _______________(marka)

4. Meta jitolbuk tagħmel xi ħaġa li m'għandekx aptit imma tobdi, xi tkun qed tagħmel? (2 marki)

   ______________________________________________

   ______________________________________________

## TAQSIMA C: NIEĦDU ĦSIEB XULXIN

**A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** **(6 marki)**

1. Ġesù talab lil Pietru biex:
   - a) jitfa' x-xbiek il-baħar.
   - b) jieqaf jistad u jistrieħ ftit.
   - c) imur lura d-dar miegħu.

2. Il-Fariżej staqsew lil Ġesù dwar x' jaħsbu fuq it-taxxi għax:
   - a) riedu aktar informazzjoni.
   - b) kienu jħobbu jsaqsu l-mistoqsijiet.
   - c) xtaqu jġarrbuh.

3. Iċ-Ċenturjun Ruman talab lil Ġesù biex:
   - a) ifejjaqlu lill-qaddej tiegħu.
   - b) ifejjaq lilu għax kien ma jiflaħx.
   - c) imur jiekol miegħu.

4. Is-sitwazzjoni tal-Lhud taħt ir-Rumani kienet:
   - a) tajba ħafna.
   - b) ħażina.
   - c) La tajba u lanqas ħażina.



5. Ġesù faħħar liċ-Ċenturjun Ruman għax:
   - a) kien imexxi lis-suldati.
   - b) kien barrani.
   - c) kellu fidi kbira fih.

**B. Agħti numru lis-sentenzi biex jiġu wara xulxin. (8 marki)**

**L-ewwel waħda lesta.**

| | |
|---|---|
| L-għorrief stagħġbu bil-għerf li kellu Ġesù. | |
| Meta ra t-tempju Ġesù baqa' skantat bis-sbuħija tiegħu. | |
| Ommu u missieru staqsewh għaliex kien għamel hekk. | |
| ***Ġesù mar ma' ommu u ma' missieru Ġerusalemm.*** | ***1*** |
| Il-ġenituri tiegħu bdew ifittxuh. | |
| Ġesù weġibhom li hu kellu jkun f'dak li kien ta' Missieru. | |
| Ġesù mar magħhom id-dar u kien ubbidjenti lejhom. | |
| Ħdejn it-tempju sab xi għorrief u qagħad jiddiskuti magħhom. | |
| Marija u Ġużeppi għamlu tlitt ijiem ifittxuh. | |

**Ċ. Wieġeb fil-qosor. (6 marki)**

1. Semmi okkażjoni fil-ħajja tiegħek fejn int m'obdejtx u ddispjaċik.

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Spjega kif Ġesù wera li kien għalliem tajjeb.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għalfejn taħseb li Ġesù faħħar liċ-ċenturjun li mar jitolbu l-għajnuna?

_______________________________________________

_______________________________________________

## TAQSIMA D: JITWIELED GĦALINA

**A. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** **(5 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Milied iġib | | niftakru fil-ġrajja tal-Milied. |
| 2 | Marija u Ġużeppi qasmu | | sar bniedem u għammar fostna. |
| 3 | L-Iben t'Alla | | f'maxtura. |
| 4 | Permezz tal-presepju | | hena u paċi kullimkien. |
| 5 | Meta twieled, lil Ġesù poġġewh | | minn Nazaret sa Betlehem. |

**B. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata bħala għajnuna.** **(6 marki)**

1. Fil-gwerra tal-1914 kienu qed jiġġieldu l-Ingliżi kontra l-**Ġ**____________________.
2. Nhar il-Milied is-suldati Ġermaniżi u Ingliżi ddeċidew li jieqfu jieqfu mill-**ġ**____________________.



3. Is-suldati lagħbu logħba **f**____________________ bejniethom.
4. Aħna għandna dejjem nippruvaw nżommu l-**p**____________________.
5. Il-gwerer jeqirdu l-ħajja tal-**b**____________________, u jagħmlu ħafna **ħ**____________________.



**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi.** **(5 marki)**

1. L-ewwel persuni li marru sabiex jaraw lil Ġesù tarbija kienu

(marka)

______________________________________________________

2. Meta l-anġlu Gabrijel deher lill-Madonna qalilha: (2 marka)

______________________________________________________

______________________________________________________

3. Liema pastur jogħġbok l-aktar meta tarma l-presepju? Għaliex?

(2 marki)

Il-pastur li jogħġobni l-aktar: ______________________________.

Jogħġobni għax: ________________________________________

________________________________________

________________________________________.

**D. Ikteb Veru jew Falz maġenb kull sentenza** **( 5 marki)**

1. Is-slaten Maġi ġew f'Ġerusalemm mil-Lvant. ______________
2. Fejn hemm ir-rispett ikun hemm l-għaqda bejnietna. ___________
3. L-għira u l-pika jġibu l-ferħ u l-paċi. _____________
4. Nistgħu ngħixu Milied veru jekk ngħinu lil dawk fil-bżonn u dawk inqas ixxurtjati minna.

__________________

5. Erodi xtaq imur iżur lil Ġesù għax kien iħobbu.

__________________



## TAQSIMA E: IL-ĦBIEB TAGĦNA

**A. Agħmel sinjal taħt it-tajba (5 marki)**

1. Ħbieb ta' vera (jgħinuk, jitħassruk, jitilquk) meta tkun fil-bżonn.
2. Il-Bibbja tgħidilna min isib ħabib veru jkun sab (il-ferħ, teżor, lil Alla).
3. Ġesù kien jirrakkonta l-parabboli biex ( iferraħ, jgħallem, idaħħak).
4. Ġesù fejjaq għaxar lebbrużi iżda (disgħa marru, tnejn biss marru, wieħed biss mar) lura.
5. Il-parabboli fihom dejjem ( ċajta, tagħlima, sorpriża) fihom.



**B. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.** **(6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| **sebgħin** | **grazzi** | **Korintin** |
| **iħobb** | **onesti** | **qaddej** |

1. Nuru l-apprezzament tagħna lejn xi ħadd billi ngħidulu ___________________.
2. Il-mirakli juru kemm Ġesù kien ____________________.
3. Il-parabbola tal-___________________ tgħallimna li għandna dejjem naħfru u nħennu għal dawk ta' madwarna.
4. Ma' ħbiebna għandna dejjem inkunu ___________________ u leali.
5. L-ittra li San Pawl kiteb lill- ___________________ titkellem dwar il-ħbieb sinċieri.
6. Ġesù qal lil Pietru li għandna naħfru lil ħutna sa sebgħa u ___________________ darba.



**Ċ. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.** **(5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **nikkmandakom** | **sidu** | **ħabbejtkom** | **Missieri** | **nsejħilkomx** |



"Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ____________________ jien. Intom ħbiebi jekk tagħmlu dak li ____________________. Ma ____________________ aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel ____________________; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kulma smajt mingħand ____________________ jiena għarraftulkom."

**D. Wieġeb fil-qosor.** **(4 marki)**

1. Lil min għandna ngħidu 'grazzi' u għaliex?

a)____________________________________________________________

____________________________________________________________

b)____________________________________________________________

____________________________________________________________

2. Semmi żewġ kwalitajiet li għandu jkollhom ħbieb ta' vera.

a)____________________________________________________________

____________________________________________________________

b)____________________________________________________________

____________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**